TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/92/17/S

Roderick Attard
Vs
Phone Box (Malta) Ltd

Illum 19 t'Ottubru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Roderick Attard ipprezentata fid-19 ta'Mejju,2017 u r-risposta tas-socjeta Phonebox (Malta) Ltd ipprezentata fit-13 ta'Gunju,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-27 ta'Lulju,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' tat-tip Samsung S6 li wara ftit xhur minn meta inxtara, il-'camera' ta' wara gralha l-hsara u wara li ttiehed ghand is-socjeta intimata, marlu ukoll id-'display'. Min-naha tieghu l-intimat stqarr li r-rikorrent kien gie ghandhom biex jifthulu l-'mobile' ghax kien nesa' l-'password'. L-intimat ikkonferma diversi punti li ntqalu mir-rikorrent pero cahad li l-'mobile' gralu l-hsara minhabba f'xi azzjoni tas-socjeta intimata;

Illi jinghad mal-ewwel li ma giex spjegat kif marret il-'camera' ta' wara tal-istess 'mobile';

Illi l-intimat ikkonferma certi affarijiet li intqalu mir-rikorrent u ghalhekk dan mhux kaz fejn il-partijiet kellhom verzjonijiet dijametrikament opposti;

Illi t-Tribunal jaqbel mal-mistoqsija li ghamel ir-rapprezentant tas-socjeta intimata u cioe kif inkisret il-'camera' ta' wara;

Illi r-rikorrent ma ta ebda twegiba ghal din il-mistoqsija importanti ghax din tista' titfa' ukoll dawl fuq il-hsara l-ohra li garrab il-'mobile' meta mar id-'display';

Illi mhux il-kompitu ta' dan it-Tribunal li jindika x'seta' gara pero li hu zgur hu li ma tressqet ebda prova konklussiva daparti tar-rikorrent li l-'mobile' kien difettuz minn meta inxtara u mill-provi mressqa, hu iktar plawsibbli li l-hsara sehhet b'kawza ta' xi azzjoni jew ta' xi nuqqas daparti tar-rikorrent;

Illi mhux kull hsara hi rizultat ta' difett u f'dan il-kaz ma tressqet ebda prova li juri dan;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li tenut kont ta' dak fuq inghad, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa';

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Roderick Attard filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Phonebox (Malta) Ltd, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru